**Kunsill Lokali**
**Għajnsielem**

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 53– 13 ta' Lulju 2023**
Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficju tal-Kunsill Lokali Għajnsielem nhar il-Ħamis 13 ta' Lulju 2023 fl-4:30pm.

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Kevin Cauchi | Sindku |
| Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| Stephen Mercieca | Kunsillier |
| Teddy Saliba | Kunsillier |
| Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

**53.1 Talba**

53.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

**53.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

53.2.1 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

**53.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

53.3.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**53.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

53.4.1 Is-Sindku Kevin Cauchi bi pjaċir ħabbar li l-Kunsill rebaħ it-tieni post tan-NESA Award. Fil-fatt ingħata is-somma sabiħa ta' €8000 li ser tintuża f'aktar proġetti b'riżq il-lokalita'..

53.4.2 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għall- informazzjoni li rċieva li x'aktarx ser terġa issir it-tiġrija taż-żwiemel fl-okkażżjoni tal-Festa u din tkun tinħtieġ in-No Objection tal-Kunsill. Huwa stqarr fiċ-ċar li l-pożizzjoni tiegħu li mhux favur li jsiur tiġrijiet taż-żwiemel fi Triq l-Imġarr. Ġiet diskussa din il-materja u sar

qbil li għandna nistennew u naraw x'ser jiġri u filkaż nikkonsultaw mal-pubbliku u mal-Kumitat tal-Festa u Parroċċa.

53.4.3 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għat-talba li għamlilna l-Kapillan ta' Kemuna għal ż--żewg palmiet. Il-Kunsill qabel li għandna nixtruhom.

53.4.4 Is-Sindku propona wkoll sabiex nkunu ta' sapport lill-Alljievi tal-banda San Guzepp billi nħallsu nofs l-ispejjes ta' strument mużikali li jammonta għal €500.

53.4.5 Is-Sindku rrefera ghat-talba li ser izidu c-Charging pillars tal-vetturi tal-elettriku u ghal fatt li hawn minnhom ma jahdmux. Inqrat il-lista tal-postijiet proposti u l-l-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għajr fil-post ta quddiem il-kazin tal-football u fi' Triq Sant Antin quddiem il-Knisja qed nissugerixxu li minflok hemm issir Triq il-Gudja quddiem il-Playing Field.

53.4.6 Giet trattata t-talba minghand tal-Lottu li fetah gdid fi Pjazza Indipendenza fejn bghatulna bl-avukaat li ghandhom id-dritt ta' parkegg riservat. Il-Kunsill ma qabilx peress li mhemmx fejn jintilef parking iehor f'din il-pjazza. Sar qbil li ghandna nirrisponduh bl-avukat.

53.4.7 Saret referenza ghall-ittra li rcevejna minghand l-avukat Patrick Valentino f'isem 'Lawrence Upholstery Cleaning' rigward il-kont tal-tindif tal-latrina. Fl-opinjoni tal-Kunsill dan naqas milli jtina l-istima mitluba u l-ammont mitlub ghax-xoghol li ghamel huwa wiehed ezagerat u ma jiriflettix ix-xogħol li kien meħtieġ.

53.4.8 Is-Sindku Kevin Cauchi ghamel referenza ghat talba minghand is-Socjeta tal-Museum Ghajnsielem biex nikkollaboraw maghhom fl-organizazzjoni ta' xi attivitajiet ghas-sajf. Sar nqbil li ghandna nghinunhom fl-organizazzjoni ta' żewġ attivitajiet.

## 53.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

53.5.1 Il-kunsilliera Stephen Mercieca propona sabiex għal marc tal-Balzunetta nagħmlu tabelli towing fi Triq l-Imġarr.

53.5.2 Il-Kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex jinbena sew dak il-ħajt ta' għalqa fonda fi Triq Cordina. Sar qbil li meta napplikaw għal xi fondi għar-restawr ta' ħitan għandna ninkluduh.

53.5.3 Il-Kunsillier Teddy Saliba propona li fejn ser issir il-Bocci Pitch il-Kunsill għandu jghin billi ssir tisqifa. Il-Kunsill qabel dwar dan.

53.5.4 Il-kunsillier Teddy Saliba għadda stima lill-kunsill sabiex issir manutenzjoni ta' tibdil tad-dawl u drenagg fil-latrina tal-Imgarr li tammonta ghal €8000. Il-Kunsill

ra li l-ispiza tal-manutenzjoni tal-latrina hija kbira hafna u sar qbil li peress li l-Imgarr jaqa' taht il-Gvern Centrali għandna nikkuntestaw din id-delega mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex tittiehed mir-responsabilita' tal-Kunsill. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-offerta tal-Upkeep tal-Latrina tal-Imgarr intefghet waħda biss minn Yami Yami Ltd għall-prezz ta' €20,000 għall-tlett snin. Il-Kunsill qabel li għalissa ma għandu jaċċetta din l-offerta qabel ma nċaraw is-sitwazzjoni.

53.5.5 Il-Kunsillier Teddy Saliba talab għall-mera fi *blind spot* fi Triq ta Lourdes. Is-Sindku wieġbu li l-mera ordnata u ser titwaħħal fil-ġimghat li ġejjin.

53.5.6 Il-Kunsillier Teddy Saliba talab sabiex qabel il-festa nitfgħu bowser ilma fi Triq Ħamri biex jinqata' ftit it-trab.

53.5.7 Il-Viċi Sindku staqsa jew il-Latrini taż-Żewwieqa u s-showers humiex qed ikunu miftuħin għall-pubbliku. Is-Sindku kkonfermalu li qed jinfetħu normali.

53.5.8 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura staqsa dwar jekk ġejnix ikkonsultati biex il-bajja tal -Ġardun ġiet ikklassifikata bhala dog's bay. Is-Sindku kkonferma li ma ġejnix ikkonsultati u propona li nagħmlu talba biex din titneħħa peress li f'Għajnsielem diġa hawn bajja oħra għall-għum tal-klieb dik tal-Fassej.

53.5.9 Il-Viċi Sindlu Franco Ciangura talab ukoll sabiex isir *hand rail* temporanju għad-daħla tal-gym. Is-Sindku wieġbu li issa ser isir wieħed awtomatikament mar-rampa tal-latrina pubblika.

53.5.10 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura reġa fakkar rigward it-twaħħil ta' bollard fejn il-keep clear taż-Żewwieqa issa li nkisbet l-*approval* tagħha minn Transport Malta. Sar qbil li ser titwaħħal fil-ġimghat li ġejjin.

53.5.11 Il-Vici Sindku Franco Ciangura għamel referenza għall-incident ieħor ta' nar f'Ta Passi wara l-kamra tal-bridge.

53.5.12 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura staqsa x'kien irriżulta minn dak l-att vandalu li sar fuq il-monument tal-bronż. Is-Sindku wieġbu li kienu xi żgħażagħ barranin.

53.5.13 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura staqsa wkoll x'ġara mis-servizz tal-Berġa. Is-Sindku wieġbu li bħala Regjun ilhom ħafna jistinkaw għal dan is-servizz iżda ma jridux li jerġgħu jintroduċuh. Il-Viċi Sindku propona li nistgħux noffru aħna s-servizz permezz ta' tabib. Sar qbil li għandna niċċekjaw u nistgħu wkoll nitolbu lir-Reġjun Għawdex biex jinkariga tabib u jdur il-bereġ tal-lokalitajiet fuq rutina għax difficili ssib servizz ta' tabib għal ftit ħin.

**53.6 Update dwar il-Vakanza ta' Assistent Prinċipal**

53.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif għal din l-applikazzjoni li nfethet ma' dawk li qed jirreġistraw mal-Jobsplus għalqet u daħlet applikazzjoni waħda biss. Sar qbil li għandna kemm jista jkun malajr jinżamm l-interview lil din l-applikanta u naraw xi jkun ir-riżultat.

**53.7 Attivitajiet :- Iljieli Sajfin/Amppa/Corallo**

53.7.1 Is-Sindku ghamel referenza ghall-iskeda tal-attivitajiet ta' Iljieli Sajfin li huma mtellghin mill-progetti tal-Interreg Amppa u Corallo. Huwa spjega kif ghandna sajf mimli daqs bajda attivitajiet. Programm dettaljat tal-attivitajiet gie approvat u sar qbil li minbarra li ssir promozzjoni ta' kull attivita' fuq il-media socjali, ghandu jitqassam flyer f'kull dar.

53.7.1 Sar qbil li jiġi organizzati sitt Boat Tours edukattivi madwar il-kosta t'Għajnsielem u Kemmnua taħt il-programm Corallo kif wkoll attivita edukattiva waqt Għajnsielemfest.

53.7.2 Sar qbil li l-Kunsill għandu jitlob direct order lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabie jinxtraw xbieki tas-sajd mingħand Supplier Soc Coop ARL għall-prezz ta' €1500 + €150 tat-trasport biex ix-xbieki jkun l-istess bħal ta' Partners oħra tal-proġett biex ir-riżultat tal-esperimentazzjoni tas-sajd joħroġ aktar preċiż.

**53.8 Aġġornament dwar il-Progetti Kapitali**

53.8.1 Is-Sindku ta aġġornament tal-proġetti kurrenti.

**53.8.2 Playingfield Gudja. Ix-**xogħol huwa prattikament komplut. L-inawgurazzjoni ufficjali tieghu hija skedata ghat- 28 ta' Lulju u ser jinfetah mill-Onor Clint Camilleri u Alison Civelli. Jonqos biss tindif generali. Sar qbil li bhala animazzjoni ghas-serata ghandna ngibu lil band Brass Band u jkompli s-serata Emanuel Rapa. Sar qbil li bhala prezentatur ghandna nqabbdu lis-Sur Lelio Spiteri. Sar qbil ukoll li ghandna nibbukjaw Bouncing Castle ghat-tfal u naghmlu riceviment ghal dawk prezenti. Sar qbil li l-invit ghandu jkun miftuh pubblikament lir-residenti kollha

**53.8.3 Triq Hamri** - Ix-xogħol ta' tqegħid tal-ilma huwa lest. Issa jmiss jibdew trenching għal servizz ta' drenaġġ ġdid. Ix-xogħol se jieqaf fl-10 t'Awwissu u huwa mistenni li jkompli wara l-Festa.

**53.8.4 Pjazza Tolfa** - Qed nitennew lil kuntrattur jeħles l-aħħar fażijiet ta' xogħol li ghandu.

**53.8.5 Librerija u ċentru marittimu** - Għal dan il-proġett inħarġu diversi offerti u saret l-evalwazzjoni tagħhom.

53.8.6 Għat-tender tal-għamara ntefgħu 6 offerti u wara li l-bord tal-għazla evalwa l-offerti rrakkommanda li l-għazla għandha taqa fuq l-orħos waħda dik tal-Invicta għall-prezz ta' €23,018.12. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat l-ittra ta' aċċettazzjoni u jiffirma l-kuntratt.

53.8.7 L-offerta mitfugħa għall-Interactive Touch Table, Totems and Led Banner, l-offerta mitfugħa wkoll ma kinitx kompatibbli u għalhekk kellha terġa tinħareġ mill-ġdid.

53.8.8 Għall-Call for Quotation tad-diorama ntefgħet offerta waħda biss mingħand Għaqda Hbieb Presepji Ghajnsielem ghall-prezz ta' €3,500.00 ekluż il- VAT. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat l-ittra ta' aċċettazzjoni u jiffirma l-kuntratt.

53.8.9 Għall-Call for Quotation tal-mudelli tad-dgħajjes ntefgħet offerta waħda biss dik ta' Concetta Cassar għall-prezz ta' €5000.00 e VAT. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat l-ittra ta' aċċettazzjoni u jiffirma l-kuntratt.

53.8.10 Is-Sindku spjega kif sadanittant qed nistennwa lill-kuntrattur jibda l-finishings. Ix-xogħol fuq dawl diġa beda.

**53.8.11 Lattrina Pubblika** - Ix-xogħol tkompla fejn tneħħa l-arblu u infetaħ il-bieb tal-ġenb. Minn ġew il-bini huwa lest. Jmiss issa li jigi Ricard Cauchi biex jgħaddi is-servizzi ta' dawl u plumbing biex ikun jista jitkompla x-xoghol.

**53.8.12 Proġett – Belveder Triq Qigħan -** Għal dan il-proġett ġibna stimi tal-palm (washintognia) li jiswew €495 il-waħda u huma tal-istess għoli bi trunk ta' 2 metri jew 2.5 metri. Kien vera difficli biex insibu 10 palmiet tal-istess daqs. Il-Kunsill qabel li għandna nixtruhom. Il-kuntrattur sadanitant lesta ix-xogħol ta' cement' skavar għas-siġar, kurudni u madum kważi lest wkoll. Sar qbil li fin-nofs se jsir disnn tal-mosaic bil-kliem 'Qigħan' u tinkludi ġebla kbira li tirrepreżenta it-tempji tal-qigħan. Sar qbil li dan ix-xogħol għandu jsir mill- kuntrattur u Team Mosaic.

53.8.13 **Proġett ta' Bollards, pavimentar u lluminazzjoni quddiem il-każini.** Is-Sidku spjega kif id -dokument tat-tender tal-fanali se jkollu jierġa jinħareġ peress li meta kien evalwat l-offerta mitfugha kienet non compliant.

53.8.14 Id -dokument tal-tender tal-bollard huwa magħluq u ser issir l-evalwazzjoni tieghu. Sar qbil li l-Bord tal-Evalwazzjoni ghandu jkun kompost minn Kevin Cauchi, Perit Shawn Micallef, William Sultana, Lucienne Haber u l-Avukat Joshua Grech.

53.8.15 **Ġnien quddiem l-iskola Primarja**

Id-dokument tat-tender huwa magħluq. Sar qbil li l-Bord tal-Evalwazzjoni għandu jkun kompost minn Kevin Cauchi, Perit Godwin Sultana, William Sultana, Lucienne Haber u l-Avukat Joshua Grech. Sar qbil ukoll li għandna nitolbu lill-Ministeru għal Għawdex biex jagħmlulna xi tip ta' kuntratt sabiex jiffinanzjaw il-parti tagħhom minn dan il-proġett dik tal-cladding tal-faċċata.

53.8.16 **Proġett Water Catchment Pjazza tad-Dehra -** Id -dokument tat-tender tal-fanali ġie ppublikat u jagħalaq fil-ġranet li jmiss.

53.8.17 **Triq Daħlet l-Għama -** Ix-xogħol huwa lest u sar xogħol tajjeb ħafna u f'qasir żmien.

53.8.18 **Bini Arkata -** Qed nistennew il-BOQ mingħand Perit sabiex napplikaw mad-DPF tal-Planning Authority għal bini ta' din l-istess arkata.

53.8.19 - **Ġnien Brieghen mal-Kunsill tax-Xewkija-** Il-Kunsill tax-Xewkija applika għal DNO mal-Planning Authority u qed nistennew l-eżitu tagħha.

**53.9 Approvazzjoni /Hatra tal-Bord ta' Evalwazzjoni tal-Offerti/stimi**

Sar qbil li ghall-evalwazzjoni tal-Offerta tal-Events Amppa l-Bord ghandu jkun kompost mis-Sur William Sultana, mill-Inginier Mario Cauchi, mill-avukat Joshua Grech, mis-Sindku Kevin Cauchi u s-Segretarju Ezekuttiv Lucienne Haber.

**53.10 Hruġ ta' offerti/stimi**

53.10.1 Sar qbil li taħt il-proġetti tal-Interreg Amppa u Corallo għandhom jinħarġu dawn l-offerti:-

- Large Oled TV screen panel - Interreg Corallo
- Portable Outdoor Sound System u Indoor Sound System - Interreg Corallo
- 3 Aircondition units għaċ-ċentru marittimu - Interreg AMPPA
- Large format wall banners għaċ-ċentru marttimu - Interreg AMPPA
- Marine and Fishing related educational Books- - Interreg AMPPA
- Pop up banner - Interreg Corallo
- Attivita' mal- NGO - VOICE FOR INCLUSION GOZO f'Sannat li tinkludi bouncy castle - Interreg AMPPA
- Servizz ta' trasport/coach għaż-żjara tal-Malta Aquarium - Interreg Corallo
- Servizz ta' sitt Boat trips informattivi mal- kosta tal-baħar - Interreg Corallo
- Sound System u Light system għall-attivita' ta' Għajnsielemfest sabiex norbtuhom bħala attivita' nformattiva' Amppa/Corallo.
- Wall print kbira għal mal-ħajt tal-Interpretation Centre. - Interreg AMPPA
- Laqgħa informattiva għas-sajjieda fl-aħħar t'Ottubru inkluż lunch - Interreg AMPPA
- Event edukattiv tal-għeluq tal-Corallo fit-23 ta' Settembru - Interreg AMPPA

**53.11 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

53.11.1 Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti numru 124. Il-pagamenti ġew approvati.

**53.12 Materji oħra**

53.12.1 Ma kienx hemm materji ohra x’ jigu diskussi.

**53.13 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgha ntemmet fis-6:30pm u sar qbil li l-laqgha li jmiss ghandha tinzamm nhar it-12 t’Awwissu 2023 f’nofsinhar.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**